KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Wieħed u Erbgħin (41) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret, Il-Ħamis 21 ta' Lulju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-5.36 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Tabone | Skużat | |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 7.20 p.m. (Korrispondenza) |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.40 p.m. | 7.00 p.m. (Ħwejjeġ oħra) |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erbgħin (40) Laqgħa tal-Kunsill.

Il-minuti tal-Laqgħa 40 li saret nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju, 2011 ġew iffirmati wara li dawn ġew approvati unanimament wara li saret korrezzjoni waħda kif ġej:

F'item 14.03 minflok is-sentenza "Huwa talab ukoll li TM jiġu avżati ma jagħmlux *zebra crossings* f'kuntunieri" jitniżżel "Huwa semma li *z-zebra crossing* fi Triq it-Tonn qegħda f'kantuniera u tista tkun ta' periklu"

1.01 Qari u Approvazzjoni tal-Laqgħa b'Urġenza tal-21 ta' Ġunju 2011

Il-minuti tal-Laqgħa b'Urġenza tal-21 ta' Ġunju 2011 ġew approvati kif ippreżentati.



Sindku / *Mayor* : Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.

Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary* : John J. Camilleri

2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa Nru: 40 tad-9 ta' Ġunju, 2011.

2.01 Dwar Item 2.03 – Rigward l-arbli tal-bus stops tal-Arriva, il-Kunsillier Peter Abela għandu jippreżenta lista ta' Bus Stops li hemm bżonn jiġu rranġati. Barra minn hekk Transport Malta għandhom jiġu nfurmati sabiex l-arbli tal-Bus Stops il-qodma ma jinqatgħux aktar il-fuq minn wiċċ il-bankini biex ma jkunx hemm periklu għan-nies.

2.02 Dwar Item 2.04 – Dwar ix-xogħol ta' renovazjoni tal-latrina tax-Xemxija, il-Kunsillier Mario Camilleri qal li hemm problema mal-kuntrattur li dan ma spiċċax ix-xogħol li kellu jsir. Għandu jiġi mqabbad kuntrattur ieħor jekk is-sitwazzjoni ma tinbidilx u titnaqqas l-ispiża tal-Mobile Toilets mill-kont tiegħu. Din il-materja għandha tiġi rriferuta lill-avukat tal-Kunsill kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Dwar Item 2.04 - Dwar il-Bring-In-Sites, għandha tinħareġ default notice lill-Green Mt minħabba li ma żammewx mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt u jiġi nnotifikat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan.

2.03 Dwar Item 2.05 – Dwar il-kwistjoni mal-Go plc. fi Triq San Ġorġ is-Sindku Graziella Galea spjegat il-problema u x'ġie diskuss bejn l-avukati. Jekk ma jsir l-ebda progress sa nhar il-Gimgħa 29 ta' Lulju 2011, il-Kunsill għandu jikteb lil Go plc u jagħti żmien sa mhux aktar mit-Tnejn l-1 t'Awissu sabiex tiġi riżolta din il-kwistjoni.

2.04 Dwar Item 6.01 Il-Kunsillier Frank Gauci talab kopja tat-tender il-ġdid tat-trasport għall-anzjani.

2.05 Dwar Item 6.03 Il-Kunsillier Mario Camilleri irrefera għall-artiklu li deher fit-Torċa u talab li l-kuntratturi Dimbros Ltd. jipproduċu l-permess mill-MEPA għall-ġarr ta' skart.

2.06 Dwar Item 8.00 Dwar l-Open Skip Fi Triq il-Pwales, il-Viċi Sindku John Bray qal li din qed isservi ta' miżbla għall-persuni oħra mhux residenti ta' San Pawl il-Baħar. Huwa ssuġġerixxa biex jitwaqqaf dan is-servizz, jintbagħtu l-Green Wardens f'dik iż-żona u naraw xi tkun is-sitwazzjoni f'dan iż-żmien ta' prova. Qabel ma jitneħħa dan l-Open Skip għandu jitwaħħal avviz fejn ir-residenti jiġu mitluba jużaw il-faċilita' tal-Magħtab jew inkella s-servizz tal-bulky refuse mill-Kunsill. Il-Kunsilliera Jason Camilleri u Alexander Bezzina opponew għal din il-proposta. Saret votazzjoni u l-proposta għaddiet b'6 favur u 2 kontra (JC u AB ivvutaw kontra).

2.07 Dwar Item 11.00 Il-Kunsillier Jason Camilleri talab kopja tat-tender li ngħata fuq l-iskema tal-PPP (1st Batch). Ġie deċiż li din il-kopja tingħata b'format ta' pdf.

2.08 Dwar Item 14.04 Il-Kunsillier Peter Abela staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proposta ta' U-Bends ġodda. Il-Kunsillier Mario Camilleri nforma li huwa kien mar fuq il-postijiet proposti għal dan l-iskop mal-fornitur ta' dawn il-U Bends. Ġie deċiż li din il-proposta tiġi segwita.

3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa b'Urġenza tal-21 ta' Ġunju 2011

Ma kien hemm l-ebda punti mressqa dwar din il-laqgħa.

Peress li kien sar il-ħin, il-Perit Graziella Galea, talbet illi tressaq item B'urġenza

4.00 Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni:

4.01 SPBLC-Q 05A-11 – Provision of Sound Systems
Ġiet approvata l-irħas offerta dik ta' Joseph Zahra.

4.02 SPBLC-Q 05B-11 – Provision of Lighting Systems
Ġiet approvata l-irħas offerta dik ta' Joseph Zahra.

5.00 Tmiem tal-Laqgħa.

Il-Laqgħa intemmet fit-8.30p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri

25 t'Awwissu 2011

Ref: 55 / 7455 / 11 / OCZ